

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/316

tal-21 ta' Frar 2019

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-ghajjnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 108(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' ghajjnuna mill-Istat orizzontali ⁽¹⁾,

Wara li ppubblikat abbozz ta' dan ir-Regolament ⁽²⁾,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Ghajjnuna mill-Istat,

Billi:

- (1) Il-finanzjament mill-Istat li jilħaq il-kriterji fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") jikkostitwixxi ghajjnuna mill-Istat, u jeħtieġ li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bih skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Madanakollu, skont l-Artikolu 109 tiegħu, il-Kunsill jista' jiddetermina kategoriji ta' ghajjnuna eżentati minn dan ir-rekwiżit ta' notifika. F'konformità mal-Artikolu 108(4) tat-Trattat, il-Kummissjoni tista' tadotta regolamenti rigward dawk il-kategoriji ta' ghajjnuna mill-Istat. Skont ir-Regolament (UE) 2015/1588 u f'konformità mal-Artikolu 109 tat-Trattat, il-Kunsill iddeċieda li ghajjnuna *de minimis* tista' tikkostitwixxi kategorija bħal din. Fuq dik il-bażi, ghajjnuna *de minimis*, li hija ghajjnuna mogħtija għal impriża waħda matul perjodu partikolari ta' żmien li ma taqbiżx ċertu ammont fiss, titqies li ma tkunx tissodisfa l-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat u għalhekk mhix soġġetta għall-proċedura ta' notifika. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mfakkra li anki jekk l-ghajjnuna *de minimis* ma titqiesx bħala ghajjnuna mill-Istat, jenħtieġ li din l-ghajjnuna ma' tinvolvi ksur tad-dritt tal-UE.
- (2) Il-Kummissjoni adottat għadd ta' regolamenti li jistabbilixxu regoli dwar l-ghajjnuna *de minimis* mogħtija fis-settur tal-agrikoltura, li l-aħħar wieħed minnhom kien ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 ⁽³⁾.
- (3) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1408/2013, u meta titqies il-varjeta' tal-użu tal-ghajjnuna *de minimis* fl-Istati Membri, jixraq li jiġu aġġustati xi wħud mill-kundizzjonijiet stabbiliti fih. L-ammont massimu ta' ghajjnuna li tingħata lil impriża waħda fuq perjodu ta' tliet snin jenħtieġ li jiddied għal EUR 20 000 u l-limitu nazzjonali jenħtieġ li jiddied għal 1,25 % tal-output annwali.
- (4) Meta wieħed iqis il-ħtieġa ikbar li tintuża l-ghajjnuna *de minimis* fxi Stati Membri, jixraq li tiġi permessa żieda ulterjuri kemm għall-ammont massimu ta' ghajjnuna għal kull impriża waħda għal EUR 25 000, kif ukoll għal-limitu nazzjonali għal 1,5 % tal-output annwali, skont il-kundizzjonijiet addizzjonali neċessarji biex jitħares il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. L-esperjenza miksuba matul l-ewwel snin tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1408/2013 uriet li l-konċentrazzjoni ta' ghajjnuna *de minimis* f'ċertu settur ta' prodotti tista' twassal għal distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni u l-kummerċ. Għalhekk, jenħtieġ li l-prerekwiżit biex jintużaw l-ogħla limitu massimu individwali u dak nazzjonali, ikun li jiġi applikat limitu settorjali li jipprevjeni lill-Istati Membri milli jagħtu iktar minn 50 % tal-ammont totali kumulattiv ta' ghajjnuna *de minimis* fuq kwalunke perjodu ta' tliet

⁽¹⁾ ĠUL 248, 24.9.2015, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 425, 26.11.2018, p. 2.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-ghajjnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura (ĠUL 352, 24.12.2013, p. 9).

snin fiskali għal miżuri li jibbenefika minnhom settur ta' prodott speċifiku wieħed biss. Il-limitu settorjali jenħtieġ li jiżgura li kwalunkwe miżura li taqa' taħt ir-Regolament (UE) Nru 1408/2013 tkun tista' titqies li ma jkollha l-ebda effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u li ma tfixkilx jew ma tkunx ta' theddida li tfixkel il-kompetizzjoni.

- (5) Bħalissa, hija għażla tal-Istati Membri jużawx reġistru nazzjonali ċentrali biex jivverifikaw li ma jinqabżux la l-limitu massimu individwali *de minimis*, u lanqas il-limitu nazzjonali. Madankollu, l-użu ta' reġistru ċentrali jsir neċessarju f'dawk l-Istati Membri li jagħżlu limitu massimu individwali u limitu nazzjonali ogħla, ladarba l-limitu settorjali li huwa kundizzjoni għal dik l-għażla jitlob monitoraġġ iktar mill-qrib tal-għajjnuna mogħtija. Għalhekk, jenħtieġ li għal dawn l-Istati Membri jkun obbligatorju l-użu ta' reġistru ċentrali, sabiex jinżamm rekord tal-għajjnuna *de minimis* kollha mogħtija, sabiex ikun jista' jiġi vverifikat li ma jinqabżux la l-limitu massimu individwali u lanqas il-limitu settorjali jew nazzjonali.
- (6) Il-kriterji għall-kalkolu tal-għotja grossa ekwivalenti għal self u garanziji jenħtieġ li jiġu aġġustati skont il-limiti massimi *de minimis* miżjuda.
- (7) Fid-dawl tal-ħtieġa akbar għall-użu ta' għajjnuna *de minimis* u meta l-limiti massimi attwali huma restrittivi għalxejn, huwa neċessarju li jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 1408/2013 qabel id-data ta' skadenza tiegħu, jiġifieri l-31 ta' Diċembru 2020. Il-perjodu ta' żmien bejn id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u t-tmiem tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1408/2013 ikun qasir wisq. Għaldaqstant, għal raġunijiet ta' ekonomija proċedurali u biex jiġu żgurati l-kontinwità u ċ-ċertezza tad-dritt, il-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1408/2013 jenħtieġ li jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2027.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1408/2013 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1408/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-paragrafi 3 u 4 li ġejjin:

“3. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, “settur tal-prodott” tfisser settur elenkat fl-Artikolu 1(2)(a) sa (w) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agricoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

4. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, “limitu settorjali” tfisser ammont kumulattiv massimu ta' għajjnuna li japplika għal miżuri ta' għajjnuna li jibbenefika minnhom settur tal-prodott uniku wieħed biss, li jikkorrispondu għal 50 % tal-ammont massimu ta' għajjnuna *de minimis* mogħtija għal kull Stat Membru kif stabbilit fl-Anness II.”;

- (2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 3

Għajjnuna de minimis

1. Il-miżuri ta' għajjnuna għandhom jitqiesu li ma jissodisfawx il-kriterji kollha tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, u għalhekk għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat, jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. L-ammont totali ta' għajjnuna *de minimis* mogħtija għal kull Stat Membru lil impriża waħda ma għandux jaqbeż l-EUR 20 000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali.

3. L-ammont kumulattiv ta' għajjnuna *de minimis* mogħtija għal kull Stat Membru lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agricoli fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali, ma għandux jaqbeż il-limitu nazzjonali stipulat fl-Anness I.

3a. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 2 u 3, Stat Membru jista' jiddeċiedi li l-ammont totali ta' għajjnuna *de minimis* mogħtija lil impriża waħda ma għandux jaqbeż il-EUR 25 000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali u li l-ammont kumulattiv totali ta' għajjnuna *de minimis* mogħtija fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali ma għandux jaqbeż il-limitu nazzjonali stabbilit fl-Anness II, skont dawn il-kundizzjonijiet:

(a) għal miżuri ta' għajjnuna li jibbenefika minnhom settur ta' prodott uniku wieħed biss, l-ammont kumulattiv totali mogħti fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali ma għandux jaqbeż il-limitu settorjali definit fl-Artikolu 2(4);

(b) l-Istat Membru għandu jkollu fis-seħħ reġistru ċentrali nazzjonali skont l-Artikolu 6(2).

4. L-għajjnuna *de minimis* għandha titqies mogħtija fil-mument li l-impriża tiġi kkonferita d-dritt legali li tirċievi l-għajjnuna skont ir-reġim legali nazzjonali applikabbli, irrISPETTIVAMENT mid-data tal-ħlas tal-għajjnuna *de minimis* lill-impriża.

5. Il-limiti massimi *de minimis* u l-limiti nazzjonali u settorjali msemija fil-paragrafi 2, 3 u 3a għandhom japplikaw irrISPETTIVAMENT mill-forma tal-għajjnuna *de minimis* jew mill-għan segwit u irrISPETTIVAMENT minn jekk l-għajjnuna mogħtija mill-Istat Membru hijiex iffinanzjata kompletament jew parzjalment minn riżorsi li joriġinaw fl-Unjoni. Il-perjodu ta' tliet snin fiskali għandu jiġi ddeterminat minn referenza għas-snin fiskali użati mill-impriża fl-Istat Membru kkonċernat.

6. Għall-iskopijiet tal-limiti massimi *de minimis* u l-limiti nazzjonali u settorjali msemija fil-paragrafi 2, 3 u 3a, l-għajjnuna għandha tiġi espressa bħala għotja ta' flus. Iċ-ċifri kollha użati għandhom ikunu gross, jiġifieri qabel titnaqqas kwalunkwe taxa jew imposta oħra. Meta l-għajjnuna tingħata f'xi forma oħra apparti għotja, l-ammont tal-għajjnuna għandu jkun l-għotja grossa ekwivalenti tal-għajjnuna.

L-għajjnuna pagabbli f'diversi pagamenti għandha titraħhas skont il-valur tagħha fil-mument li tingħata. Ir-rata tal-imgħax li trid tintuża għal skopijiet ta' skont għandha tkun ir-rata ta' skont applikabbli fil-mument li tingħata l-għajjnuna.

7. Meta l-limiti massimi *de minimis*, il-limiti nazzjonali jew il-limitu settorjali msemija fil-paragrafi 2, 3 u 3a jinqabżu bl-għotja ta' għajjnuna *de minimis* ġdida, dik l-għotja l-ġdida ma tkunx tista' tibbenefika minn dan ir-Regolament.

8. Fil-każ ta' fużjonijiet jew akkwiżizzjonijiet, l-għajjnuna *de minimis* kollha li nġhatat qabel lil kwalunkwe impriża għaddejja mill-fużjoni għandha titqies meta jiġi ddeterminat jekk kwalunkwe għajjnuna *de minimis* ġdida lill-impriża l-ġdida jew li qed takkwista taqbiżx il-limiti massimi *de minimis* rilevanti, il-limitu nazzjonali rilevanti jew il-limitu settorjali. L-għajjnuna *de minimis* li nġhatat legalment qabel il-fużjoni jew l-akkwiżizzjoni għandha tibqa' legali.

9. Jekk impriża tinqasam fi tnejn jew iktar impriżi separati, l-għajjnuna *de minimis* li tingħata qabel issir il-qasma għandha tiġi allokata lill-impriża li bbenefikat minnha, li hija fil-prinċipju l-impriża li qed takkwista l-attivitàjiet li għalihom intużat l-għajjnuna *de minimis*. Jekk din l-allokkazzjoni ma tkunx possibbli, l-għajjnuna *de minimis* għandha tiġi allokata b'mod proporzjonat abbażi tal-valur kontabilistiku tal-kapital ta' ekwità tal-impriżi l-ġodda fid-data effettiva tas-separazzjoni.”;

(3) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-punt (b) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“(b) għall-miżuri li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(2), is-self huwa assikurat b'garanzija li tkopri mill-anqas 50 % tas-self u s-self jammonta jew għal EUR 100 000 fuq ħames snin jew EUR 50 000 fuq għaxar snin, jew, għal miżuri li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(3a), jew EUR 125 000 fuq ħames snin jew EUR 62 500 fuq għaxar snin; jekk is-self ikun inqas minn daww l-ammonti u/jew jingħata għal perjodu iqsar minn ħames jew għaxar snin irrISPETTIVAMENT, l-għotja grossa ekwivalenti ta' dak is-self għandha tiġi kkalkulata bħala proporzjon korrispondenti għal-limiti massimi *de minimis* stabbiliti fl-Artikolu 3(2) jew (3a); jew”;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-għajjnuna inkluża fl-injezzjonijiet kapitali għandha titqies biss bħala għajjnuna *de minimis* trasparenti jekk l-ammont totali ta' injezzjoni pubblika ma jaqbiżx il-limitu massimu *de minimis* rilevanti.”;

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. L-għajjnuna inkluża f'miżuri ta' finanzjament ta' riskju f'forma ta' investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità għandha titqies biss bħala għajjnuna *de minimis* trasparenti jekk il-kapital ipprovdut lil impriża waħda ma jaqbiżx il-limitu massimu *de minimis* rilevanti.”;

(d) fil-paragrafu 6, il-punt (b) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“(b) għall-miżuri li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(2), il-garanzija ma taqbiżx it-80 % tas-self sottostanti u, jew l-ammont garantit huwa EUR 150 000 u d-durata tal-garanzija hija ħames snin jew l-ammont garantit huwa EUR 75 000 u d-durata tal-garanzija hija għaxar snin, jew, għall-miżuri li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(3a), il-garanzija ma taqbiżx 80 % tas-self sottostanti u, jew l-ammont garantit huwa EUR 187 500 u d-durata tal-garanzija hija ħames snin jew l-ammont garantit huwa EUR 93 750 u d-durata tal-garanzija hija għaxar snin; jekk l-ammont garantit ikun inqas minn dawn l-ammonti u/jew jekk il-garanzija tkun għal perjodu ta' inqas minn ħames jew għaxar snin rispettivament, l-għotja grossa ekwivalenti ta' dik il-garanzija għandha tiġi kkalkulata bħala proporzjon korrispondenti tal-limiti massimi *de minimis* stabbiliti fl-Artikolu 3(2) jew (3a); jew”;

(4) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

“Meta Stat Membru jagħti għajjnuna skont l-Artikolu 3(3a), għandu jkollu fis-seħħ reġistru ċentrali ta' għajjnuna *de minimis* li jkun fih l-informazzjoni kompleta dwar l-għajjnuna *de minimis* kollha li tingħata minn kwalunkwe awtorità f'dak l-Istat Membru. Il-paragrafu 1 għandu jieqaf japplika fil-mument li r-reġistru jkopri perjodu ta' tliet snin fiskali.”;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Stat Membru għandu jagħti biss l-għajjnuna *de minimis* għida skont dan ir-Regolament wara li jkun ivverifika li dan ma jżidx l-ammont totali tal-għajjnuna *de minimis* mogħtija lill-imprezza kkonċernata għal livell oġġla mil-limiti massimi u l-limiti nazzjonali rilevanti u l-limitu settorjali msemmija fl-Artikolu 3(2), (3) u (3a) u li jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament.”;

(5) fl-Artikolu 8, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2027.”;

(6) l-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

"ANNEX I

Ammonti kumulattivi massimi tal-ghajjnuna *de minimis* mogħtija għal kull Stat Membru lill-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli msemmija fl-Artikolu 3(3)

(f'EUR)

Stat Membru	Ammonti massimi ta' ghajjnuna <i>de minimis</i> (1)
Il-Belġju	106 269 708
Il-Bulgarija	53 020 042
Ir-Repubblika Ċeka	61 865 750
Id-Danimarka	141 464 625
Il-Ġermanja	732 848 458
L-Estonja	11 375 375
L-Irlanda	98 460 375
Il-Greċja	134 272 042
Spanja	592 962 542
Franza	932 709 458
Il-Kroazja	28 920 958
L-Italja	700 419 125
Ċipru	8 934 792
Il-Latvja	16 853 708
Il-Litwanja	34 649 958
Il-Lussemburgu	5 474 083
L-Ungerija	99 582 208
Malta	1 603 917
In-Netherlands	352 512 625
L-Awstrija	89 745 208
Il-Polonja	295 932 125
Il-Portugall	87 570 583
Ir-Rumanija	215 447 583
Is-Slovenja	15 523 667
Is-Slovakkja	29 947 167
Il-Finlandja	55 693 958
L-Iżvezja	79 184 750
Ir-Renju Unit	394 587 292

(1) L-ammonti massimi huma kkalkulati abbażi tal-medja tal-ogħla tliet valuri tal-produzzjoni agrikola annwali f'kull Stat Membru fil-perjodu 2012-2017. Il-metodu ta' kalkolu jiżgura li l-Istati Membri kollha huma ttrattati b'mod ugwali u li l-ebda wieħed mill-valuri medji nazzjonali ma jkun inqas mill-ammonti massimi stabbiliti preċedentement għall-perjodu 2014-2020.

ANNEX II

Ammonti kumulattivi massimi tal-ghajjnuna *de minimis* mogħtija għal kull Stat Membru lill-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli msemmija fl-Artikolu 3(3)(a)

(f'EUR)

Stat Membru	Ammonti massimi ta' ghajjnuna <i>de minimis</i> (1)
Il-Belġju	127 523 650
Il-Bulgarija	63 624 050
Ir-Repubblika Ċeka	74 238 900
Id-Danimarka	169 757 550
Il-Ġermanja	879 418 150
L-Estonja	13 650 450
L-Irlanda	118 152 450
Il-Greċja	161 126 450
Spanja	711 555 050
Franza	1 119 251 350
Il-Kroazja	34 705 150
L-Italja	840 502 950
Ċipru	10 721 750
Il-Latvja	20 224 450
Il-Litwanja	41 579 950
Il-Lussemburgu	6 568 900
L-Ungerija	119 498 650
Malta	1 924 700
In-Netherlands	423 015 150
L-Awstrija	107 694 250
Il-Polonja	355 118 550
Il-Portugall	105 084 700
Ir-Rumanija	258 537 100
Is-Slovenja	18 628 400
Is-Slovakkja	35 936 600
Il-Finlandja	66 832 750
L-Iżvezja	95 021 700
Ir-Renju Unit	473 504 750

(1) L-ammonti massimi huma kkalkulati abbażi tal-medja tal-ogħla tliet valuri tal-produzzjoni agrikola annwali f'kull Stat Membru fil-perjodu 2012-2017. Il-metodu ta' kalkolu jiżgura li l-Istati Membri kollha huma ttrattati b'mod ugwali u li l-ebda wieħed mill-valuri medji nazzjonali ma jkun inqas mill-ammonti massimi stabbiliti preċedentement għall-perjodu 2014-2020."